# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 29 ta' Lulju 2024**

**Wara l-mandat ta' sekwestru numru 362/2024 fl-ismijiet:**

**Omar Elaref Arab (KI 198494M)**
**vs.**
**Rodianne Dalli (KI 534895M) et**

**Rikors numru 506/2024 ta' Omar Elaref Arab:**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta' Rodianne Dalli et fejn talbu lil din il-Qorti sabiex:

(a) tħassar il-mandat ta' sekwestru infraskritt ai termini tal-artikolu 836(a)(1)(d)(f) tal-Kap 12 peress li:
   i. dan il-mandat ta' sekwestru ma kienx prima faciae ġustifikat u fi kwalunkwe każ kien eċċessiv, kif ukoll
   ii. li ma kienx raġonevoli li dan il-mandat jibqa' fis-seħħ in kwantu ma kienx meħtieġ u l-anqas ġustifikabbli; u li

(b) din il-Qorti timponi penali fuq Omar Elaref Arab kif ukoll ssibu responsabbli għad-danni fis-sensi tal-artikolu 836(8)(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta wara li saħqu li, in suċċint, li:
   i. l-mandat inħareġ b'ritaljazzjoni wara li l-prinċipali tal-intimat Arab ma riedux ikomplu r-relazzjoni kummerċjali miegħu;
   ii. ir-rikorrenti kienu kostretti jirriżenjaw mill-impjieg mal-intimat minħabba li huwa kien mexa b'mod abbużiv, minaċċjanti, u vjolenti;

iii. il-mandat kien forma ta' *arms twisting*, in kwantu l-ammont mitlub minnu huwa eċċessiv, esaġerat, azzardat u mhux prima faciae ġustifikat.

Rat ir-risposta ta' Omar Elaref Arab fejn saħaq li t-talbiet tar-rikorrenti kellhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom in suċċint għaliex:

(a) ir-rikors kien jirrażenta l-fieragħ in kwantu bażat fuq stqarrijiet li ma setgħux jirriżultaw in kwantu kienu frott ta' gideb u stqarrijiet fallaċi;
(b) Fil-ħruġ tal-mandat huwa indika kemm in-natura u l-oriġini tat-talba li ried jikkawtela kif ukoll indika l-valur marbut ma dak id-dritt kawteland;
(c) Kellhom ikunu r-rikorrenti li jippruvaw li l-mandat ma kienx prima facie ġustifikat jew eċċessiv – iżda dan ma għamluhx;
(d) L-intimat sostna l-pretensjoni tiegħu inkluż b'dokumentazzjoni fil-forma ta' fatturi li kien tħallas bihom li juru li prima faciae l-pretensjoni tiegħu kienet ġustifikata;
(e) anke jekk it-talba fil-meritu li huwa għamel kienet da liquidarsi, xorta indika ammont speċifiku sorrett minn provi li juru wkoll li kien konservattiv fit-talbiet tiegħu;
(f) ma ġiex muri li l-ammont pretiż minnu kien esaġerat fl-isfond tat-talba li kien qed jagħmel; u ma setgħax jingħad li t-talbiet tiegħu kienu azzardati in kwantu l-ammont mitlub minnu kien jirrapreżenta biss sitt xhur dħul fuq kuntratt li kien indefinit;
(g) ir-rikorrenti mhux biss irriżenjaw iżda fl-istess jiem li rriżenjaw proċedew biex ħatfulu n-negozju tiegħu u telfulu dak id-dħul. Dan huwa muri wkoll mill-fatt li tlett ijiem wara l-*hostile take over* da parti tar-rikorrenti, huma rreġistraw kumpanija biex joperaw in-negozju sottratt minnha.

**Ikkunsidrat**

**It-talba tar-rikorrenti għat-tneħħija tal-mandat ta' sekwestru bażata fuq l-artikolu 836(1)(a)(d)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

1. F'dan il-każ jirriżulta li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju inħareġ fit-28 ta' Frar 2024. Ir-rikors ġuramentat ġie preżentat nhar it-18 ta' Marzu 2024. B'hekk l-estremi tal-artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma ġewx sodisfatti u din it-talba taħt dak il-paragrafu qegħda tiġi miċħuda.

2. Taħt l-artikolu 836(1)(d)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, irid jiġi mistħarreġ jekk is-sekwestrant ikollux,

   - prima facie, fumus iuris – jedd mal-ewwel daqqa t'għajn - biex ikun jista' jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu;[1]
   - jew jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li l-att kawtelatorju jinżamm fis-seħħ kollu jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

3. Biex il-Qorti tasal għall-konklużjoni tagħha allura jekk mandat kawtelatorju għandux jiġi mħassar taħt dan l-artikolu 836(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija trid tistħarreġ jekk u safejn il-kawżali tal-mandat kawtelatorju tkun tista' tintrabat mal-kreditu li jkun qiegħed jiġi pretiż u msemmi fl-istess mandat. Huwa għalhekk li l-Qorti trid tistħarreġ jekk mal-ewwel daqqa t'għajn ikunx jirriżulta li r-rikorrent ikollu bażi għall-pretensjoni tiegħu u f'każ li l-Qorti ssib li hemm din il-bażi imbagħad tgħaddi biex tistħarreġ jekk ir-rikorrent ikunx wasal li juri, dejjem mal-ewwel daqqa t'għajn, li l-pretensjoni pekunjarja msemmija minnu tkun taqbel mal-ammont maħluf fuq il-mandat.[2]

4. Mandat kawtelatorju jinħareġ taħt ir-responsabbilita' tar-rikorrent. Għalkemm dawn il-Qrati ma jesiġux formaliżmi esaġerati f'dak l-istadju, mill-banda l-oħra ma jfissirx li dawn il-mandati jistgħu jsiru b'leġġerezza, b'non kuranza jew bi traskuraġni. Wisq anqas għandhom isiru b'abbuż, b'mod frivolu jew vessatorju, b'intenzjoni qarrieqa, jew b'finalita' ta' *arms twisting* kontra dawk li jkunu ġew maħruġa.

5. F'dan il-każ, il-bażi ta' parti kbira mill-argumenti miġjuba mir-rikorrenti sekwestrati hija msejsa fuq il-ħtieġa li din il-Qorti tistħarreġ il-meritu tal-vertenza bejn il-partijiet. B'hekk din il-Qorti trid toqgħod attenta li ma tiġix f'sitwazzjoni li bid-deċiżjoni tagħha tinvesti l-meritu jew parti minnu intempestivament.

6. Jingħad biss f'dan l-istadju li mill-analiżi li din il-Qorti għamlet fuq bażi prima faciae:

---

[1] Ara **Casino-For-Me Limited vs. Chartwell Games (Malta) Limited**, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il- 5 ta' Settembru 2008.
[2] Ara **Avv J.J. Vella noe v Eden Irish Aircraft Leasing MSN 204 Limited** deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-5 ta' Diċembru 2012.

i. Ma jistax jingħad li dan il-mandat ta’ sekwestru ma kienx prima faciae ġustifikat jew eċċessiv. Filwaqt li nħareġ fuq is-saħħa u l-ġurament tar-rikorrent – li huwa preżunt li jkun maħruġ in buona fede - ir-rikorrent eżebixxa dokumenti li juru mal-ewwel daqqa t’għajn il-bażi tal-pretensjoni tiegħu u li din ma kienetx aleatorja jew azzardata;
ii. jidher li dak pretiż mir-rikorrent huwa msejjes fuq bażi legali u fattwali;

7. S’issa ma ġiex muri li kien hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi li minħabba fihom jitqies li ma kienx raġonevoli li dan il-mandat jibqa’ fis-seħħ, jew li ma kienx meħtieġ jew mhux ġustifikabbli.

8. **Konsegwentement ma tqisx li f’dan l-istadju hemm raġunijiet fil-fatt u fid-dritt li jwasluha tikkonkludi li l-mandat ta’ sekwestru de quo għandu jitħassar jew jinbidel.**

**Talba għal imposizzjoni tal-penali u danni fis-sensi tal-artikolu 836(8)(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.**

9. Din il-proċedura t’imposizzjoni ta’ penali ġiet ritenuta bħala kwistjoni t’ordni pubbliku. Biex din il-penali tkun tista’ tiġi imposta, huwa biżżejjed li r-rikorrent jipprova li tkun seħħet xi waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi msemmija fis-sub-artikolu 8 fejn dawn ir-raġunijiet ma humiex kumulattivi iżda alternattivi għal xulxin. Il-penali, isimhom magħhom, huma forma ta’ “poena”, sanzjoni, imposti mill-Liġi fil-każijiet fejn tkun ġiet pruvata almenu waħda minn dawk iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) sa (d) imsemmija tas-sub-artikolu 8. Peress li jagħtu lok għal penali, dawn iċ-ċirkostanzi huma eżawrjenti u ma jgħoddx li jiżdiedu raġunijiet oħra magħhom.

10. Dawn il-penali jsibu l-bażi u r-raġuni tagħhom fuq in-neċessita li tiġi mħarsa s-serjeta li trid il-Liġi fit-tħaddim tal-istitut tal-mandati kawtelatorji. Dan l-istitut jaf ikollu u jħalli effetti serji immens fuq il-ħajja, saħħa, integrita jew disponibilita patrimonjali tal-persuna milquta mill-ħruġ tal-mandat. Għalhekk daqskemm il-Liġi tippermetti l-użu leġittimu, xieraq u in buona fede ta’ dawn il-mandati biex persuna tikkawtela l-jeddijiet tagħha meta u fejn jixraq, daqstant ieħor l-istess Liġi tħares bl-ikrah lejn min juża dawn il-miżuri għal skopijiet ħżiena, b’qerq jew b’animu ħażin. Dan għaliex il-Liġi ma tridx min jabbuża mill-proċess ġudizzjarju; u min jazzarda jagħmel

dan imbagħad irid iwieġeb għal għemilu billi jeħel is-sanzjoni imsemmija fil-Liġi.[3]

11. B'hekk meta persuna tiġi biex toħroġ mandat kawtelatorju trid, inter alia, tqis:

(a) li jkollha pretensjoni x'tikkawtela li tkun vera, leġittima u dimostrabbli;
(b) li jkollha l-ħtieġa li tirrikorri għall-ħruġ ta' mandati kawtelatorji biex tikkawtela dik il-pretensjoni;
(c) li jkollha ġustifikazzjoni fil-ħruġ ta' dak il-mandat;
(d) li – salv f'każijiet urġenti - il-ħruġ ta' dak il-mandat kawtelatorju ma jkunx sar ħin qabel il-waqt jew mingħajr ma l-intimat ikun ġie msejjaħ biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tar-rikorrent;
(e) li salv f'każijiet urġenti u f'każ ta' dejn mhux likwidu, li tkun talbet lill-intimat jipprovdi sigurtà biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tar-rikorrent;
(f) in-nuqqas ta' raġonevolezza tal-ħruġ ta' dak il-mandat meta l-intimat ikun magħruf sew li ma jkollux problemi ta' likwidita' u fejn ma jkunx hemm raġuni li dik il-persuna tiddubita mill-likwidita tal-intimat u l-kapaċita tiegħu li jħallas u jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tagħha;
(g) li t-talba għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju tkun saret in buona fede u ma tkunx saret b'malizzja jew inkella tkun frivola jew vessatorja; u
(h) li tkun segwiet it-talba għall-ħruġ tal-mandat bil-proċedura ġudizzjarja għall-aċċertament tal-jeddijiet pretiżi minnha li jkunu jaqblu u jsegwu mal-kawżali indikati fir-rikors għall-ħruġ tal-mandat kawtelatorju fiż-żmien stabbilit mill-Liġi.

12. Fil-każ li persuna tottjeni l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju bi ksur ta' xi wieħed minn dawn ir-raġunijiet imsemmija fil-Liġi, il-persuna li kontra tagħha jkun inħareġ dak il-mandat għandha r-rimedju mogħti lilha mill-Liġi mhux biss li titlob it-tħassir tal-mandat kollu kemm hu jew parti minnu fis-sensi tal-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; iżda saħansitra li titlob lil Qorti biex twaħħal lil min ikun ħareġ dak il-mandat kawtelatorju dik il-penali msemmija fil-Liġi.[4] Allura f'dak il-każ, dik il-persuna imbagħad tkun qegħda tesponi lilha

[3] Ara **John Zarb vs. Port Cottonera Limited** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-18 ta' Settembru 2002.
[4] U dan oltre dak previst mill-artikolu 836(9) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta iżda li f'dan il-każ il-Qorti mhix se tiddelunga wisq fuqu in kwantu ma kienx hemm talba appożita għal dann wkoll taħt dan is-subartikolu.

nnifisha għall-possibilita li tiġi sanzjonata mill-Qorti billi tiġi kundannata tħallas il-penali li ssemmi l-Liġi f'dan l-artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[5]

13. Aktar minn hekk il-Liġi tipprevedi wkoll il-possibilita li persuna li fuq it-talba tagħha jkun inħareġ mandat kawtelatorju tista' tiġi ritenuta wkoll passibbli għad-danni mill-persuna li kontriha jkun sar dak l-att. Dawn id-danni jitqiesu bħala li huma dawk li dik il-persuna setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat. F'dawn il-"kawżi", il-Qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni.

14. F'dan il-każ, il-Qorti wara li qieset ukoll is-suespost:

i. ma tqisx li l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kien imur kontra xi formalita rikjesta mill-Liġi, fuori termine, jew li kien ħażin, abbużiv jew illegali.
ii. L-anqas ma jista' jingħad li kien frivolu jew vessatorju jew li inħareġ b'malizja biex issir pressjoni mhux xierqa fuq ir-rikorrenti sekwestrati.
iii. L-anqas ma, f'dan l-istadju, għandha raġunijiet biex timponi penali jew danni kontra l-intimat sekwestrant minħabba l-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru de quo.

15. **Konsegwentement f'dan il-każ ma tqisx li hemm l-estremi meħtieġa, f'dan l-istadju, li tqis lill-intimat sekwestrant bħala suġġettibbli għall-penali jew għad-danni skont il-Liġi.**

**KONKLUZJONI**

**Illi għall-motivi premessi, din il-Qorti qegħda tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż.**

**Ft/Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**

[5] Ara **Cole Foods Ltd. vs. Euro Imports Ltd** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-13 ta' Marzu 2003 u **Farrugia vs. C&F Building Contracters Ltd.** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-14 ta' Awissu 2014.